**Kunsill Reġjonali Għawdex**

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 139/2025**

**It-Tlieta, 18 ta' Frar, 2025**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-boardroom fil-lukanda Kempinski (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Damien Spiteri | Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Sindku, Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Kercem |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Sindku, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sinjorina Simona Refalo | Sindku, Kunsill Lokali Xewkija |
| Is-Sur Sammy Saliba | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Għasri |
| Is-Sur Philip Vella | Sindku, Kunsill Lokali Ta' Sannat* |
| Is-Sur Kevin Curmi | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Nadur* |

* Daħlu tard għall-laqgħa.

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

NIL

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Xagħra
Kunsill Lokali San Lawrenz

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**139.1 Talba**

139.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

**139.2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

139.2.1 Il-President qal li hu ma kienx preżenti għall-aħħar laqgħa u għalhekk ma jistax jikkummenta fuq dak li sar, iżda jixtieq jiġbed l-attenzjoni dwar l-item 138.9.4 tal-minuti tal-laqgħa preċedenti. Qal ukoll li fi żmien kollha li hu serva bħala President, f'dawn l-aħħar 15 il-sena qatt ma ġrat sitwazzjoni bħal din. Il-President qal li s-Sindki u membri sostituti qegħdin hemm biex iservu lill-Għawdxin u l-Kunsilli Lokali. Fil-Kunsill Reġjonali m'hemmx post għall-politika u appella għal kawtela meta wieħed jikkwota dak li jkun ġie liberament diskuss f'laqgħa jew oħra għaliex huwa faċli tispezzetta kliem jew sentenzi u toħloq miskomunikazzjoni li ma jixtieqha ħadd.

139.2.3 Is-Sindku tax-Xewkija, s-Sinjorina Simona Refalo qalet li tixtieq li jsemmu l-ismijiet tal-persuni li kkummentaw fuq il-minuti għaliex qalet mhux ġust li qed jsemmu ċertu nies fil-pubbliku u li mhux minnu li dawn kienu nvoluti fil-kummenti li ntqalu waqt il-laqgħa preċedenti. Hi qalet li hi tammetti li ċertu kummenti ħarġu minnha.

139.2.4 Is-Sur Mario Azzopardi, Sindku ta' Ta' Kerċem ma kienx preżenti fil-laqgħa preċedenti, iżda kkumenta li bl-aġir ta' xi Sindki qegħdin jitilfu l-integrita'. Hu kompla jgħid li s-Sindki għandhom jirrispettaw lil xulxin ikunu minn kwalunkwe partit. Hu qal li l-Ministru għal Għawdex huwa dejjem milqugħ minnu jkun minn ikun. Jiddispjaċih li Sindku ta' lokalita' oħra qed jikkawża problemi fir-raħal tiegħu u b'hekk jagħmel ħsara lill-Ministeru peress li dan is-Sindku huwa mpjegat tal-istess Ministeru. Is-Sur Azzopardi waqqaf hawn peress li l-persuna nkwestjoni ma kienx preżenti.

139.2.5 Is-Sur Paul Buttigieg, Sindku tal-Qala qal li hu jiddispjaċih dwar dak li ġara u fil-fatt hu għamel kumment fuq il-mezzi soċjali dwar kif dejjem sab appoġġ mill-Ministru għal Għawdex. Hu kompla jgħid li l-email ma messiex intużat kif intużat.

139.2.6 Is-Sur Damien Spiteri qal li hu ma jaqbilx ma kif din l-email intbgħatet lill-politikanti u ntużat, iżda tkun ħasra kbira jekk fil-laqgħat tar-Reġjun ma jistgħux jiġu diskussi problemi u affarijiet oħra li jolqtu dirett lill-Kunsilli Lokali mingħajr il-biża li dak li jintqal waqt tali laqgħat tar-Reġjun, ser jintuża minn politikanti għall-kampanja tagħhom. Is-Sur Spiteri qal li diversi materji għandhom jiġu diskussi fil-laqgħa mal-AKL li ser issir fil-ġimgħat li ġejjin.

139.2.7 Is-Sur Kevin Curmi, Viċi Sindku tan-Nadur qal li hu ma kienx preżenti waqt l-aħħar laqgħa u jaqbel li ċertu affarijiet li jiġu diskussi waqt il-laqgħat għal ġid tal-irħula ta' Għawdex m'għandhomx jiġu mxandra fuq il-media soċjali. Is-Sur Curmi kompla jgħid li veru hemm nuqqas ta' komunikazzjoni, peress li hu stess bagħat diversi emails mill-

Kunsill Lokali tan-Nadur lid-dipartimenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u dawn dejjem jibqgħu bla risposta.

139.2.8 Is-Sur Baskal Saliba, Sindku taż-Żebbuġ qal li l-email li ntbgħatet lill-Ministru u kkopjata lis-Sindki ma messha qatt inħarġet pubblikament. Is-Sur Saliba qal li waqt il-laqgħa preċedenti ġie mitlub li tintbagħat email lill-Ministru dwar in-nuqqas ta' kommunikazzjoni mal-Kunsilli Lokali, f'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv waqfet għal ftit ħin biex tara jekk kienx hemm xi kummenti mingħand xi membru preżenti. Ma kienx hemm.

139.2.9 Is-Sindu ta' Għajnsielem, Is-Sur Kevin Cauchi, qal li hu ma kienx preżenti fl-aħħar laqgħa iżda jaqbel li dan it-tip ta' materjal m'għandux ikun użat biex jagħmel ħsara lill-ħadd iżda biex jittejbu l-affarijiet. Is-sur Cauchi qal li l-email setgħet kienet aktar attenwat.

139.2.10 Is-Sur Philip Vella, Sindku ta' Sannat staqsa jekk hux ser ikun hemm xi stqarrija pubblika f'dan ir-rigward. Ma kienx hemm l-ebda diskussjoni jew deċiżjoni dwar dan.

139.2.11 Is-Sur Brian Azzopardi, Sindku tar-Rabat qal li hu jixtieq jagħmel korrezzjoni fil-minuti. Dawn saru fil-minuti attwali.

139.2.12 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 138 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew ikkoreġuti u approvati.

## 139.3 <u>Preżentazzjoni mis-Sur Daniel Cilia dwar il-Kwartieri Ingliżi fil-Forti Chambray.</u>

139.3.1 Il-President talab sabiex l-ordni tal-aġenda tinbidel peress li s-Sur Daniel Cilia kien preżenti. Hu informa lill-membri li s-Sur Cilia ser jagħmel il-preżentazzjoni u jitlaq mill-laqgħa.

139.3.2 Is-Sur Daniel Cilia f'isem l-koalizzjoni ta' Għawdex (Din l-Art Ħelwa Għawdex, Għawdix u Wirt Għawdex) għamel preżentazzjoni viżwali fuq l-iscreen u spjega li huma qed jitolbu li l-kwartieri tal-suldati f'Chambray (l-uniku kwartieri f'Għawdex) jingħataw Ordni ta' emerġenza ta' konservazzjoni u jiġu skedati. Din tkun parti mill-proġett li diġà ġie approvat, pero mingħajr ma tiżżarma u titpoġġa f'post ieħor. Filwaqt li l-iżviluppaturi jridu li jżarmaw il-kwartieri u jerġgħu jibnuhom f' post ieħor f'Chambray u din issir lukanda.

139.3.3 Wara l-preżentazzjoni s-Sur Cilia talab sabiex il-Kunsilli Lokali sabiex japprovaw din it-talba ta' ordni ta' emerġenza ta' konservazzjoni. Il-President informa lis-Sur Cilia li biex ir-Reġjun jagħmel stqarrija li jaqbel mal-ordni ta' emerġenza ta' konservazzjoni jrid jkollu l-appoġġ mill-Kunsilli Lokali Għawdxin kollha. Is-Sur Cilia ħareġ mill-laqgħa.

139.3.4 Is-Sindku ta' Għajnsielem qal li filwaqt li huma jaqblu mal-proġett ta' Chambray, huma approvaw it-talba ta' ordni ta' emerġenza ta' konservazzjoni fuq il-kwartieri tas-suldati. Is-Sindku ta' Ta' Kercem qal li l-Kunsill ta' Ta' Kercem ukoll diġà approva din l-istess talba. Is-Sindku tal-Qala, s-Sur Paul Buttigieg qal li ser iressaq din it-talba fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill peress li bħalissa jinsab bla Segretarju Eżekuttiv.

## 139.4 **Korrispondenza.**

139.4.1 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand CVC Video Communications dwar il-ftehim magħhom tal-*features* (4) fuq il-programm tagħhom Għawdex Illum kif ukoll li tiġi ppreżentata l-logo tar-Reġjun Għawdex fil-bidu u tmiem ta' kull programm. Dan il-pakkett jiswa €6,900 + VAT. Il-membri approvaw li dan il-ftehim jiġi mġedded.

139.4.2 Ir-Reġjun Għawdex irċieva stedina għas-Smart Mobility Summit of Cities and Regions bejn id-19 u 21 ta' Mejju f'Seville. Din is-sena l-invit ġie estiż lis-Sindki. Id-diskussjoni ser tkun dwar Mission 2030 of Climate Neutral and Smart Cities.

139.4.3 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand l-Artistic Director tal-Festival Gaulitana, il-Maestro Colin Attard. Hu talab kollaborazzjoni mingħand ir-Reġjun Għawdex għall-Gaulitana: A Festival of Music 2025. Il-Festival se jkun bejn is-6 ta' April u l-4 ta' Mejju 2025. Minħabba l-fatt li Għawdex għandu is-sena tal-Kultura l-membri qablu li din is-sena jingħataw aktar fondi għal dan il-festival. Kien hemm qbil li r-Reġjun jikkollabora aktar mis-sena ta' qabel u tiġi allokata s-somma ta' €1,500.

139.4.4 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand Fr. Effie Masini f'isem l-Oratorju Don Bosco għall-kollaborazzjoni tal-produzzjoni ta' "The Nutcracker Ballet". Din il-produzzjoni ser tiswa madwar €43,000. Ir-Reġjun ma ħax deċiżjoni dwarha.

139.4.5 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-ERA dwar rata ta' ġbir ta' ippakkjar li huwa mistenni li jinġabar fis-sena 2025. Din ir-rata hija ta' 65%.

139.4.6 Ir-Reġjun irċieva kopja ta' email mingħand il-President tal-AKL lill-ERA dwar l-email tagħhom dwar il-miri ta' skart riċiklabbli. Hu talab li dak li kien ġie maqbul f'Mejju tas-sena 2022 jiġi rispettat. Huwa tenna lill-ERA li ma jistgħux jippretendu li l-Kunsilli Regjonali jilħqu l-miri stabbiliti;

i. bla ma qatt ġew diskussi dawn il-miri, u ġew infatti inklużi fil-liġi bla konsultazzjoni

ii. Il-Kunsilli Reġjonali m'għandhom l-ebda awtorita' eżekuttiva biex jinfurzaw fis-sors fejn jiġi iġġenerat l-iskart

iii. Il-ligi tas-separazzjoni obligatorja mhix tigi infurzata

139.4.7 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand the Malta Foundation for the Wellbeing of Society – Rights Children's Council Coordinator. Dawn qed jikkoordinaw proġett b'isem Rights: The Children's Local and Regional Councils. Huma talbu li jiġi stabbilit Kunsill Reġjonali għat-Tfal f'Għawdex. Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Brian Azzopardi qal li hu ma jaqbilx ma' dawn il-kunsilli tat-tfal, la bħala kunsill u l-anqas bħala Reġjun. Hu kompla jgħid li t-tfal diġà għandhom ħafna mpenji u mhux ikollhom ħin ikunu tfal. Hu għandu tfal u jaħdem mat-tfal kemm fix-xogħol tiegħu bħala għalliem kif ukoll fin-nursery tal-football u jaħseb li dawn il-kunsilli mhux f'lokhom. Il-President staqsa jekk kienx hemm oħrajn li ma jaqblux li jsir Kunsill Reġjonali tat-tfal. Is-Sindku ta' Sannat ma jaqbilx mal-kunċett ta' Kunsill Reġjonali tat-tfal kif ukoll il-Viċi Sindku tal-Għasri. Il-Kunsilli l-oħra rrappreżentati f'din il-laqgħa qablu li jsir Kunsill Reġjonali tat-tfal.

139.4.8 Il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex irċieva korrispondenza dwar in-nominazzjonijiet għall-Chairperson u Viċi Chairperson tal-Gozo Regional Committee 2025-2027. Bħala Regjun nistgħu ninnominaw persuni għal dawn l-irwoli.

139.4.9 Ir-Reġjun irċieva pakkett ta' informazzjoni dwar il-proġett ta' Chambray mingħand l-iżviluppatur. Dawn għandhom jiġi mibgħuta lis-Sindki għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

139.4.10 Ir-Reġjun irċieva email dwar proġett biex jiġi riċiklat iż-żejt użat. Din l-email għandha tintbagħat lill-Kunsilli Lokali.

139.4.11 Ir-Reġjun Għawdex qed jaħdem fuq it-tender tar-restawr u rinnovazzjoni tal-binja tar-Reġjun Għawdex fi Strada Palma. Għal dan il-għan għandna bżonn nindikaw min ser ikun fuq il-board tat-tenders. Il-President qal li hu ser ikun ic-chairperson, filwaqt li l-perit u l-inġinier li ntużaw ser ikunu technical advisors. Is-Sindku tal-Għarb ser ikun wieħed mill-evaluators flimkien ma' membri tal-istaff tar-Reġjun li ser ikunu jieħdu il-pariri mingħand it-technical advisors.

139.4.12 Il-membri preżenti ġew informati mis-Segretarju Eżekuttiv li l-offerta tal-applikazzjoni tal-mobile biex tirrapporta bozoz bil-ħsara u lmenti dwar il-ġbir ta' skart miexi ġmielu. Il-membri ġew informati li f'din l-applikazzjoni se jkunu jistgħu jiġu rrappurtati kull bozza li fiha numru fuqha. Dawn ir-rapporti ser jidħlu fl-emails tal-Kunsilli Lokali u dawk il-bozoz li huma ddevoluti lir-Reġjun jiġu rrappurtati awtomatikament. Is-Sur Baskal Saliba ssuġġerixxa li dawk il-bozoz li m'għandhomx numru jsirilhom numru.

## 139.5 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2024.

139.5.1 Għal din il-parti tal-laqgħa kienet preżenti l-accountant tar-Reġjun Għawdex, is-Sinjura Sharon Zammit. Hi spjegat li bdiet f'dan ir-rwol f'Jannar iżda bl-għajnuna tas-Segretarju Eżekuttiv ppreparat l-Financial Statements kif mitlub mill-Gvern Ċentrali. Hi spjegat li l-qagħda tal-Kunsill Reġjonali tinsab aħjar mis-sena ta' qabel, peress li naqqas id-defiċit li huwa kkawżat mis-sistema tal-ġbir tal-iskart.

139.5.2 Il-Financial Statements kienu iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

## 139.6 Approvazzjoni tar-Raba' Rapport ta' Kull Kwart (Jannar-Diċembru 2024).

139.6.1 L-accountant ippreżentat ir-raba rapport ta' kull kwart u spjegat li dawn il-figuri huma bħal dawk li hemm fil-Financial Statements. Ir-raba rapport ta' kull kwart kien iċċirkolat minn qabel u għaldaqstant, ġie ikkunsidrat li nqara. Dawn ġew approvati.

## 139.7 Aġenda għall-laqgħa tas-Sindki mal-AKL.

139.7.1 Kif ġie mitlub fl-aħħar laqgħa il-membri preżenti ġew mitluba sabiex jindikaw x'jixtieqKif ġie mitlub fl-aħħar laqgħa il-membri preżenti ġew mitluba sabiex jindikaw x'jixtiequ jiddiskutu fil-laqgħa mal-President tal-AKL nhar is-Sib 8 ta' Marzu. Kull membru indika dak li jixieq. Dawn huma:

1. Komunikazzjoni ma' ntitajiet pubbliku
2. Allokazzjoni
3. Sindki fuq bażi ta' full time
4. Responsabbiltajiet tal-Kunsilli Lokali

5. Devoluzzjoni ta’ propjetajiet/arti
6. Burokrazija
7. Handovers minn ħaddiema tal-kunsill
8. Compliance audit

### 139.8 Materji Oħra.

139.8.1 Is-Sindku tal-Għarb staqsa meta ser jerġgħu jitqassmu l-boroż tal-organic. Hu ġie nfurmat li dawn jitqassmu mill-Wasteserv. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tagħmel talba lill-Wasteserv dwar dan. Is-Sindku tax-Xewkija staqsiet dwar it-tqassim tal-boroż griżi. Hi ġiet informata li dawk kienu jitqassmu mill-Green Pak u Green MT u dawn m’għadhomx jagħtu dawn il-boroż.

138.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-dawk is-Sindki li għandhom żgħażagħ li ser jipparteċipaw fil-European Youth Orchestra 2025 f’ Bordeaux, Franza li l-flights dirett li kienu offruti minn Ryan Air m’għadhomx isiru. Għalhekk il-ħlas tal-ajru ser ikun għola iżjed mill-baġit offrut mill-organizzaturi ta’ €309 għal kull parteċipant. Dan ifisser li l-Kunsilli jridu jħallsu d-differenza li ser tkun bejn €275 u €290 għal kull persuna. Il-Kunsilli parteċipanti huma Ir-Rabat, il-Qala, Għarb u Nadur.

138.8.3 Is-Sindku ta’ Ta’ Kerċem, is-Sur Mario Azzopardi ndirizza lis-Sindku ta’ Ta’ Sannat, Is-Sur Philip Vella dwar xogħolijiet li saru fir-raħal ta’ Ta’ Kerċem mill-Ministeru għal Għawdex taħt is-superviżjoni tas-Sindku Philip Vella (bħala uffiċjal ta’ dan id-dipartiment) dan mingħajr ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Kerċem. Dawn ix-xogħolijiet jaqgħu taħt il-responsabbiltà’ tal-Kunsill Lokali.

### 139.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta’ pagamenti.

139.9.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 150 li kienet tammonta għal €233,793.62.

### 139.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

139.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-20:15 u ġiet skedata għan-nhar it-Tlieta 18 ta’ Marzu fis-6:30 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| _____________________ | _____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |